MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 435/2009

**Heathcliff Cilia**

**Vs**

**Martin Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Heathcliff Cilia fid-9 ta' Novembru 2009 permezz ta' liema jitlob li Martin Farrugia jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' sitt elef mitejn disgha u tmenin Euro (€6,289), rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-valur ta' diversi konsenji u garr ta' gebel minnu rikjesti u li saru mill-barriera li tinsab f'Valletta Road, Imqabba, lejn diversi lokalitajiet f'Malta, liema bilanc baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Mejju 2009 u ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 26 ta' Awwissu 2009, bl-imghax bl-ghola rata permessa bil-ligi dekoribbli mill-konsenja tal-merkanzija sad-data ta' l-

effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali bin-Numri 2994/09 u 4425/09 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 3456/09, kontra Martin Farrugia;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 4 tal-process;

Rat li Martin Farrugia naqas milli jidher ghall-ewwel seduta ffissata ghas-smigh ta' dawn il-proceduri – 27 ta' Novembru 2009 – u dana nonostante li rrizulta li kien notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh, u li ghalhekk l-attur ipprezenta Kapitolu fil-konfront tieghu;

Rat li b'Rikors ipprezentat fit-30 ta' Novembru 2009 Martin Farrugia ikkontesta l-validità tan-notifika tar-Rikors promotur u ta' l-avviz tas-smigh u ghalhekk talab li il-Qorti tawtorizzah jipprezenta Risposta ghat-talba attrici;

Rat li din it-talba ta' Martin Farrugia giet milqugha permezz ta' decizjoni moghtija fil-31 ta' Jannar 2011;

Rat ir-Risposta ta' Martin Farrugia permezz ta' liema jopponi ghat-talba attrici u jitlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante li: (i) l-ammont reklamat mill-attur huwa preskritt ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) u/jew ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u li (ii) huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur;

Rat l-affidavit tal-konvenut ipprezentat permezz ta' Nota fl-24 ta' Mejju 2011[1] u semghet ix-xhieda in kontro-ezami tieghu moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012[2] u rat id-dokumenti esebiti waqt l-imsemmija seduta markati Dok. “MF1” u Dok. “MF2” a fol. 68 u 69 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-14 ta' Gunju 2012[3] u rat in-Nota Responsiva ta' l-attur ipprezentata fis-16 ta' Lulju 2012[4];

---

1 Fol. 55 sa' 57 tal-process.
2 Fol. 67a u 67b tal-process.
3 Fol. 71 sa' 77 tal-process.
4 Fol. 78 sa' 84 tal-process.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ €6,289, bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta’ diversi konsenji ta’ gebel u garr relattiv mill-barriera li tinsab f’Valletta Road, l-Imqabba ghal diversi lokalitajiet f’Malta, fuq inkarigu tal-konvenut. Il-konvenut jilqa’ ghat-talba ta’ l-attur bl-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148(a) u/jew ta’ l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-eccezzjoni fil-meritu li fi kwalunkwe kaz huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

Ma hemmx dubju li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata u deciza hija dik tal-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici sollevata mill-konvenut. In effetti, ghajr ghall-provi li nstemghu ghall-fini li l-konvenut jiggustifika l-kontumacja tieghu, liema kwistjoni giet determinata bid-decizjoni tal-31 ta’ Jannar 2011, il-partijiet s’issa illimitaw il-provi taghhom ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u din is-sentenza se tittratta dwar u tiddetermina tali eccezzjoni.

Kif già osservat il-konvenut jeccepixxi li t-talba attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148(a) u/jew ai termini ta’ l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar. L-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li l-azzjonijiet tal-bennejja ta’ bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta’ bini iehor jew ta’ xoghlijiet ohra ta’ injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.

Il-konvenut jikkontendi li mill-provi minnu prodotti – konsistenti essenzjalment fl-affidavit tieghu – jirrizulta li

*kien hemm* <u>*dekors ta' aktar minn sitt snin mill-ahhar provvista ta' gebel li saret mill-attur lill-konvenut*</u>[5] u fid-dawl ta' dan jissottometti li *l-preskrizzjoni invokata mill-konvenut hi dik ai termini ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 u l-artikolu 2149(a) tal-Kap.16. Dawn iz-zewg artikoli ghandhom certa affinità. Effettivament, il-fatti tal-kaz jindikaw li l-preskrizzjoni hi aktar wahda li tapplika skont l-artikolu 2149(a) tal-Kap.16 billi jirrizulta li l-attur hu kuntrattur tal-gebel, milli skont l-artikolu 2148(a) tal-Kap.16. L-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 aktar jirreferi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opra taghhom*[6]*.*

L-attur da parte tieghu però jsostni li l-preskrizzjonijiet eccepiti mill-konvenut, kemm dik ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll dik ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ma humiex applikabbli ghall-kaz in ezami. F'tali rigward huwa jikkontendi li *kemm mix-xhieda moghtija mill-konvenut, kif ukoll min-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-istess, jirrizulta illi x-xoghol ta' konsenji tal-gebel ma kienux intizi ghall-konsum ta' l-istess konvenut, izda kienu intizi sabiex jintuzaw f'xoghol dirett lejn terzi persuni. Il-konvenut jibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq l-artikoli 2148(a) u 2149 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi bid-dovut rispett, l-esponent jissottometti illi l-Artikolu 2148(a) huwa inapplikabbli u dan stante li l-attur ma jiggestixxi l-ebda attività kif elenkata fl-istess Artikolu. … Dan l-Artikolu jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. F'dan il-kaz aktar minn opra hemm il-prestazzjoni ta' l-'opus' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet". Illi fid-dawl ta' dan, l-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u per konsegwenza l-perijodu ta' tmintax-il xahar ma jistax jigi applikat fil-kaz odjern. Illi fin-nota tieghu, il-konvenut jissottometti ukoll li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jistipola li l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-*

[5] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut, sottolinear ta' l-istess konvenut.
[6] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut.

*kuntratti ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. Illi jigi sottomess illi l-artikolu 2149(a) ukoll ma japplikax ghall-kaz de quo peress li l-attur la huwa kontrattur u mhux qed jitlob xi prezz ta' bini jew xoghlijiet ohra ta' injam, jew ta' gebel jew materjal iehor uzat f'xi opri mahdumin minnu. Illi dan il-kaz huwa kaz ta' kreditu ghall-bilanc ta' prezz ta' materjal fornit lill-konvenut. Bhala tali din il-preskrizzjoni ta' sentejn ma hiex applikabbli ghall-kaz de quo. L-istess principju gie enuncjat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Civili fl-ismijiet Gaetano Abdilla u Pawlu Falzon pro et noe vs Sebastian Dalli pro et noe, fejn il-fatti ta' dak il-kaz huma analogi ghall-fatti tal-kaz in dizamina. Illi fil-kaz appena citat kien qieghed isir negozju bejn zewg socjetajiet fejn wahda minnhom timmanifattura z-zrar u l-ohra li tixtri dan il-prodott fi kwantitajiet konsiderevoli ghal htigijiet taghha fil-preparazzjoni u bejgh tal-concrete. Fil-kaz in ezami, l-attur kien jissupplixxi l-gebel lill-konvenut sabiex dan juzah fil-bini ta' proprjetà ta' terzi persuni. Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-attur ma hux kuntrattur imma huwa kummercjant u hija f'din il-mansjoni li l-attur kien jissuplixxi lill-konvenut, li da parte tieghu, kien jixtri u jakkwista l-gebel sabiex jizviluppa l-proprjetà ta' terzi. Illi l-konvenut <u>ma kienx</u> jixtri dan il-gebel minghand l-attur ghalih personali. U din hija raguni ohra li teskludi l-applikabilità ta' dan l-artikolu u per konsegwenza tal-preskrizzjoni biennali*[7]*.*

Wara li qieset l-Artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fid-dawl ta' l-import tal-proceduri istitwiti mill-attur, il-Qorti hija tal-fehma li dawn iz-zewg artikoli u konsegwenti termini ta' preskrizzjoni hemm stabbiliti ma humiex applikabbli ghall-kaz in ezami. In verità il-konvenut stess jirrikonoxxi li l-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-konsegwenti terminu preskrittiv ta' tmintax-il xahar hemm stipulat, ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami izda, jinsisti li huwa applikabbli t-terminu preskrittiv ta' sentejn prefiss fl-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet

[7] Nota Responsiva ta' l-attur, sottolinear ta' l-attur.

ta' Malta, pretensjoni din però li hija guridikament zbaljata kif se jigi hawn spjegat.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta japplika fir-rigward ta' appaltaturi ta' xoghlijiet li flimkien ma' l-opra tahhom ikunu, in konnessjoni ma' l-istess opra, fornew ukoll il-materjal mehtieg u ma tapplikax fir-rigwarda ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjal ikun serva. Dan il-principju gie enuncjat f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **AMC Marketing Limited v. Pletz Holdings Limited, Citaz. Nru. 1407/99** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 2002, fejn inghad illi *l-preskrizzjoni taht l-art. 2149(a) tolqot l-azzjonijiet ta' kuntratturi 'ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu'. Dwar din il-preskrizzjoni, il-Qorti ta' l-Appell, f'sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 1957 in re George Zammit v. Teresa Bonnici nomine, qalet hekk: 'Dik id-disposizzjoni tal-ligi tikkontempla l-azzjonijiet … tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohrajn ta' injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu. Din id-disposizzjoni ma tikkontemplax il-kaz ta' forrnituri ta' materjal in genere izda tal-forrnituri li jsiru minn … appaltaturi ta' xoghlijiet, li flimkien ma' l-opra taghhom ikunu in konnessjoni ma' l-istess opera fornew ukoll il-materjali mehtiega'. <u>Ghaldaqstant dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjal jkunu servew. Fil-kaz tallum l-attrici ma kinitx imqabbda bhala kuntrattur biex taghmel xoghlijiet izda ghamlet biss bejgh u konsenja ta' materjal prodott minnha. Ghalhekk din il-preskrizzjoni ma tghoddx ghall-kaz tallum, u l-eccezzjoni hija michuda</u>[8].*

Fil-kaz in ezami, dwar ir-relazzjoni kummercjali bejnu u l-attur, il-konvenut jghid: *jien ili nahdem fil-kostruzzjoni sa' minn meta kelli madwar sittax-il sena. Niftakar li madwar is-sena 2002 kien avvicinani certu Frans Spiteri u qalli li*

[8] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*hu kien proprjetarju ta' bicca art fl-Imsida. Huwa xtaq iwaqqa' binja ta' fuq din l-art sabiex b'hekk tkun tista' terga' tenbena mill-gdid. Kien inkarigani biex niehu hsieb il-binja l-gdida, u cioè nibni xi garages u appartamenti. Kif generalment isir fuq dan it-tip ta' xoghol, jien u Frans Spiteri konna ghamilna negozju li kien jinvolvi tpartit ta' proprjetà immobbli ma' xoghol li jien kelli nesegwixxi fuq din l-art. Finalment, meta hdimna l-bilanci dwar dan in-negozju, u dan qabel ma jien bdejt ix-xoghol, kelli kreditu ta' madwar Lm16,000, jigifieri kelli niehu Lm16,000 minghand Frans Spiteri. Niftakar li Frans Spiteri ried illi flok huwa jaghtini dan l-ammont fi flus kontanti, jien niehu l-ekwivalenti tieghu fi provvista ta' gebel minghand certu Healthcliff Cilia, l-attur f'din il-kawza, peress li Frans Spiteri kellu jiehu l-flus minghand Cilia. Jien qatt ma dhalt fil-kwistjoni dwar x'ammont kellu jaghti l-attur lil Frans Spiteri, però Spiteri kien qalli li l-amont li kellu jaghtih l-attur kien izjed minn Lm16,000. Healthcliff Cilia jissuplixxi l-gebel. Niftakar illi Frans Spiteri kien qabbdani mieghu u kien infurmah bil-ftehim ta' bejni u Spiteri. Nghid illi l-attur ma sab l-eda oggezzjoni ghal dan ftehim, jigifieri li d-debitu li hu kellu jhallas lil Spiteri jigi saldat b'gebel li hu kellu jissuplixxi lili (u ghalhekk jigi saldat il-bilanc li Spiteri kellu jaghti lili) u sussegwentement minn dakinhar jien bdejt niehu l-gebel minghandu, ovvjament minghajr ma nhallas stante l-ftehim milhuq. L-attur kien izomm notament tal-gebel li kont niehu minghandu[9].* In kontro-ezami l-konvenut jikkonferma li *l-gebel li jiena kont niehu minghand l-attur kont nuzah ghall-finijiet ta' kostruzzjoni ghal Frans Spiteri. Nikkonferma li l-kostruzzjoni kienet tkun ghal terzi persuni u mhux ghalija personali. Kien hemm xi postijiet ohra apparti l-post fl-Imsida illi Heathcliff Cilia wassal il-gebel fih; jiena mhux qed nghid li l-gebel Cilia ma wasslux imma li rrid nghid huwa li jiena m'ghandix x'naqsam mieghu[10].*

Mix-xhieda tal-konvenut stess ghalhekk jirrizulta li fil-kuntest tar-relazzjoni guridika bejnu u l-attur, l-istess attur ma jistax jitqies bhala appaltatur, ghaliex bhala fatt ma kienx kuntrattur, izda biss bhala fornitur tal-gebel li l-

[9] Fol. 56 u 57 tal-process.
[10] Fol. 67a u 67b tal-process.

konvenut kienu juza fl-appalti esegwiti minnu fuq inkarigu ta’ terzi. Konsegwentement ghalhekk u fid-dawl ta’ l-osservazzjonijiet tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-precitata sentenza fl-ismijiet **AMC Marketing Limited v. Pletz Holdings Limited**, l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u t-terminu ta’ preskrizzjoni hemm kontemplat ma japplikawx ghall-azzjoni istitwita mill-attur fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas ta' diversi konsenji ta' gebel minnu provduti lill-istess konvenut.

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Paul Formosa v. Salvu Debono**, **Citaz. Nru. 1/94** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru 2001, li kienet tittratta dwar sitwazzjoni prattikament identika ghal dik odjerna, u cioè fejn kienet saret talba ghall-hlas ghall-provvista ta’ gebel li giet kontestata *inter alia* bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn il-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet li ebda wiehed mill-imsemmija artikoli tal-Ligi u konsegwenti termini ta' preskrizzjoni hemm stipulati, ma japplika ghal talba ghall-hlas f'kaz ta' semplici konsenja u provvista ta' gebel minn formitur lil terza persuna, anke fejn dan it-terz ikun appaltatur.

F'dik is-sentenza l-Qorti ta’ l-Appell osservat illi *issa, fil-kaz taht ezami, il-kreditu reklamat mill-attur kontra l-konvenut ma kienx pretiz fir-rigward ta’ xi opra mahduma minnu qua kuntrattur tal-bini jew ghall-materjali li forna lill-konvenut bhala kuntrattur. Minn imkien ma’ tirrizulta xi prova jew allegazzjoni illi l-attur kien kuntrattur tal-bini. Prova li tokkorri hi biss illi hu kien proprjetarju ta’ barriera li minnha kien jaqta’ l-gebel u jbieghu lil min xtaq li jakkwistah. Gie ritenut minn dawn il-Qrati li dan is-subinciz ma japplikax fejn ikun hemm semplici fornitura ta’ materjali imma kien jikkontempla biss dawk il-materjali suppliti mill-kuntratturi fuq xoghlijiet meta dawn ikunu impjegati f’xoghlijiet ta’ kostruzzjoni minnhom esegwiti jew fl-istess utilizzati. Ghaldaqstant dik il-preskrizzjoni* [Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta] *mhux applikabbli ghall-kaz semplici ta’ fornitura ta’ materjali minn min ma jkunx ukoll appaltatur ta’ l-opra li ghaliha l-materjali ikunu servew. (Joseph Grech v. Emanuel Camilleri et deciza*

*minn din il-Qorti fil-21 ta' Marzu 1977 kif ukoll Vol. XXVII.i.1013). Meta allura min jissuplixxi l-materjali ma jkunx kuntrattur jew bennej li jkun bena u li utilizza dawn l-istess materjali suppliti, tali konsenja tkun semplicement tikkostitwixxi bejgh li ma kenitx applikabbli ghalih din il-preskrizzjoni. "… ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu irid jissussisti l-element ta' "opus" da parti tal-kuntrattur fil-konfront ta' l-eccipjent altrimenti l-kontrattazzjoni tkun wahda ta' bejgh ordinarja u ma jinqabadx mill-imsemmi artikolu". (Victor Camilleri v. Emanuele Abela et deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Mejju 1977, Maria Camilleri v. John Licari deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 1972 u Vol. XLI.i.347). Stabbilit lil hinn minn kull dubbju li hawn si tratta ta' bejgh ta' materjal mill-attur lill-konvenut, il-Qorti kellha tindaga xi kwalità ta' bjegh kien involut. … Il-konvenut difatti eccepixxa wkoll preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kontemplata bis-subinciz (a) ta' l-artikolu 2148. Eccezzjoni din li giet gustament skartata mill-Ewwel Qorti. Infatti din id-disposizzjoni tipprovdi ghall-preskrizzjoni qasira ta' 18-il xahar fil-kaz ta' azzjonijiet ta' benneja ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom jew ta' materjal li jfornu. Hu stabbilit ukoll illi anke hawn ma jistax jitqies illi l-attur kien jikkwalifika bhala bennej ghax bennej ma kienx u lanqas illi qed jitlob prezz ta' xi opra minnu esegwita fuq ordni tal-konvenut jew ghal xi materjali li forna fl-esekuzzjoni ta' din l-opra. Lanqas seta' jinghad illi l-kovenut, da parte tieghu, kien xtara materjal specifikatament biex jigi impjegat ghall-bini partikolari. Hu kien biss xtara gebel bi kwantità, daqqa mahdum daqqa le, biex jigi minnu uzat skond il-htigijiet tieghu ta' bennej. Il-bennej ossija kuntrattur fil-kaz taht ezami, kien allura l-konvenut u mhux l-attur li kien qieghed jagixxi biex jitlob il-hlas lilu dovut. Kien ghal din il-Qorti car illi l-azzjoni kienet ghall-hlas ta' kreditu naxxenti minn operazzjoni kummercjali semplici ta' kompravendità bl-ingrossa ta' materjal tal-bini mill-attur li kien il-bejjiegh lill-konvenut li kien ix-xerrej*.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta ferm car li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda stante li t-termini ta' preskrizzjoni minnu invokati, ossia t-terminu ta' tmintax-il xahar skond l-

Artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u t-terminu ta’ sentejn skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma humiex applikabbli ghall-kaz in ezami.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva illi anke kieku l-preskrizzjonijiet invokati mill-konvenut kellhom jitqiesu bhala applikabbli, f’kull kaz ghandhom jitqiesu li gew minnu rinunzjati stante li tul is-smigh ta’ dawn il-proceduri huwa ddikjara li ftit ta’ zmien qabel ma giet istitwita din il-kawza huwa kien accetta li jhallas lill-attur l-ammont pretiz f’konkos. Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami u konsegwenti ri-ezami moghtija waqt is-seduta ta’ l-24 ta’ Mejju 2012, il-konvenut iddikjara li *jiena kont ftehmt mal-attur li l-ammont li kien qed jippretendi u li kelli naghtih dak iz-zmien, naghtihulu konkos. Madanakollu darba minnhom hu kien cempilli, beda jkellimni hazin u ma sar xejn mill-ftehim. Il-ftehim ma’ l-attur li naghtih il-valur ta’ flus f’konkos kont ilhaqtu mieghu ghar-raguni li kien qed jigri warajja jitlobni l-hlas. Jiena kont wasalt fi ftehim ma’ l-attur fis-sens li spjegajt ghaliex anki meta tkellimt ma’ Frans Spiteri ma rajt l-ebda forma ta’ raguni minghandu. Darba minnhom l-attur kien cempilli ghax kien ser imur ghand in-Nutar biex idawwar xi proprjeta’ fejn kien involut Frans Spiteri u kienu talbuni biex immur biex niffirma karta ghal Lm11,000. Jiena kont ghedtlu li ma rrid niffirma xejn ghaliex dak l-ammont ma kienx dovut minni u ma kontx mort, pero’ sa fejn naf jiena l-proprjeta’ kienet daret. Jiena kont originarjament offrejt lill-attur naghtih l-ammont f’konkos issa ma rridx naghtih dan l-ammont. … Darba minnhom kien gie jkellimni Cilia fejn gie talabni biex naghtih il-flus, jiena kont ghedtlu li flus kontanti ma kellix x’naghtih izda stajt naghtihomlu konkos pero’ kelli bzonn ftit taz-zmien. Id-diskussjoni li ghadni kif semmejt jigifieri l-ftehim li kelli ma’ Cilia sar ftit qabel ma nfethet il-kawza. Nerga’ nghid li originarjament kont ftehmt ma’ l-attur li naghtih dan l-ammont f’konkos ghax kont dghajjef ghax peress li kien qed jissikkani kont ser incedi u imbaghad iddecidejt li ma kellix ghalfejn incedi u rragunajt li jew jien jew hu*[11].

[11] Fol. 67a u 67b tal-process.

Il-konvenut jsostni li dak minnu dikjarat waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012 bl-ebda mod ma ghandu jinftiehem bhala rikonjizzjoni tad-dejn da parte tieghu u b'hekk rinunzja ghall-preskrizzjoni li setghet lahqet iddekorriet ghaliex mill-affidavit tieghu jirrizulta b'mod car li huwa kategorikament jichad il-pretensjoni attrici w id-dikjarazzjonijiet fih kontenuti *ilkoll jikkonfermaw kemm il-proposta li saret mill-konvenut, fic-cirkostanzi li saret u fid-dawl tar-riserva kategorika*[12] *tal-konvenut li dejjem cahad li hu kellu jaghti xi flus lill-attur, juru kemm hu qatt ma rrikonoxxa li kellu jaghti imqar sold lill-attur, u l-offerta saret biss biex jehles mill-vessazzjoni li kien qed isofri minghand l-attur, u ma timporta ghalhekk l-ebda rikonjizzjoni tal-kreditu pretiz mill-attur*[13].

L-attur jirribatti din is-sottomissjoni tal-konvenut billi jikkontendi li *l-kliem tal-konvenut mhux jirrizenta taghrif tad-dejn imma huwa rikonoxximent explicitu jew ammissjoni ta' fatt li bilfors jimplika ammissjoni ta' dritt ta' debitu favur l-attur. Bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' jigi interpretat b'mod differenti ghajr kliem ta' rikonoxximent explicitu tad-debitu favur l-attur jew fl-ghar ipotezi ammissjoni ta' fatt li ovjament jimplika dritt ta' kreditu ta' l-attur. Illi l-ammissjoni ta' dan il-ftehim li il-konvenut kien ippropona lill-attur huwa att univoku li ma ghandu jhalli l-ebda dubju f'mohh il-gudikant li l-konvenut irikonoxxa d-dejn li ghandu ma' l-attur. Ghalhekk jikkonfiguraw l-elementi kollha rikjesti minn l-artikolu 2133 kif interpretat fid-duttrina legali kif ukoll fil-gurisprudenza, ossija li meta l-konvenut offra li jpaci d-dejn li kellu ma' l-attur billi itieh ammont ta' konkos huwa dak il-hin kien konsapevoli ta' dak li kien qieghed jaghmel u esterjorizza dak li xtaq jaghmel b'att volontarju w univoku. … Illi l-konvenut imbaghad jipprova jiggustifika din l-amissjoni billi jargumenta li huwa dejjem innega li ghandu d-dejn ma' l-attur u hareg bit-tezii li huwa ppropona t-tpacija ghax kien sfurzat u biex jevita l-inkwiet. Illi l-attur umilment jissottometti li dak li l-konvenut qal wara li ammetta dan il-ftehim kien biss lapazzar bi kliem sabiex jinheba wara subghajh. Fil-fatt l-attur ma jaqbilx li din l-Onorabbli Qorti*

[12] Sottolinear tal-konvenut.
[13] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut.

*ghandha taghti affidament shih lill-konvenut kif jippretendi li jinghata u kif issottometta l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u dan semplicement minhabba l-fatt li l-gustifikazzjoni li ta wara li ammetta d-dejn ma hiex wahda kredibbli u li toqghod fuqha*[14]*.*

Fil-fehma tal-Qorti d-dikjarazzjonijiet tal-konvenut in kontro-ezami ma huma xejn ghajr prova cara li fi zmien qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri huwa rrinunzja ghal kawlunkwe terminu ta' preskrizzjoni li seta' lahaq iddekorra favur tieghu bil-ftiehem ma' l-attur li jhallsu s-somma minnu pretiza f'konkos, ghad illi dan il-ftehim baqa' ma giex attwat.

Fic-cirkostanzi tal-kaz kif esposti mill-konvenut stess u partikolarment fid-dawl ta' l-affermazzjoni tieghu li f'din il-kwistjoni kollha huwa se mai hu kreditur u mhux debitur - *f'okkazzjoni minnhom, u cioè wara li jien kont hadt b'Lm13,000 f'gebel, jien kont mort sabiex nordna aktar gebel minghand l-attur, izda hu kien infurmani li d-debitu li Frans Spiteri kellu mieghu kien gie saldat bil-gebel li kien tani sa' dakinhar. Minnufih jien kont ghedtlu li kien ghad fadalli niehu b'valur ta' Lm3,000 f'gebel biex jigi saldat il-bilanc li Frans Spiteri kellu jaghtini, però huwa kompla u qalli sabiex insolvi din il-kwistjoni ma' Frans Spiteri, ghax lil Frans Spiteri ma kellu jaghtih xejn aktar. … Wara xi snin, u dan issa qed nitkellem fl-2006, niftakar li rcevejt telefonata minghand l-attur u qalli sabiex immur ghand nutar u niffirma xi dokumenti. Aktar tard fl-istess gurnata cempilli wkoll Frans Spiteri biex iffakkarni li kellna mmorru ghand in-nutar. Apparentement, dakinhar Frans Spiteri kien ser idawwar xi proprjetà fuq l-attur, u ried ricevuta minghandi li jien kont hadt il-gebel kollu minghand l-attur ekwivalenti ghall-valur ta' Lm16,000 li hu (Spiteri) kellu jaghtini. Minnufih jien kont infurmajtu li jien ma kontx sejjer ghand in-nutar ghax kien ghad fadalli niehu xi flus (madwar Lm3,000) u kont sejjer niffirma ghal xi haga meta jien kont ghadni kreditur. Ftit tal-granet wara li gara dak li qed insemmi, niftakar illi cempilli l-attur u qalli li jien kelli naghtih Lm2,000. Din kienet l-ewwel darba li smajt b'din l-*

[14] Nota Responsiva ta' l-attur.

*allegazzjoni, meta l-ahhar li kont hadt gebel minghand Cilia kien fl-2002 u fix-xhur ta' wara, jigifieri zgur li wara l-ewwel xhur tal-2003 jien ma hadt l-ebda gebel minghandu. Hemm jien ergajt infurmajtu li jien kien ghad kelli niehu Lm3,000, minghandu jew minghand Spiteri u mhux naghtih. Dakinhar jien ergajt cempilt lil Frans Spiteri u staqsejtu x'kien qed jigri, però ma tani l-ebda sodisfazzjon. Huwa qalli ma riedx jidhol fi kwistjonijiet ta' erba' snin ilu ghaliex kien ghadda wisq zmien, u ma jiftakarx x'kien gara wara dan iz-zmien kollu, u heles minni b'dak il-mod. Minn hemm 'l quddiem, l-attur baqa' jcempilli ta' spiss u jien dejjem bqajt nirrepeti li jien niehu kelli u mhux naghti. Illum il-gurnata ghaddew disa' snin mill-ahhar darba li jien hadt il-gebel minghand l-attur. Nerga' nikkonferma li jien lill-attur m'ghandi naghti xejn u dejjem hekk ghedtlu, li jien niehu kelli u mhux naghti*[15] - il-Qorti difficilment tista' temmen li huwa seta' accetta li jhallas lill-attur is-somma ta' madwar Lm2,000 minnu pretiza ghaliex ma riedx inkwiet mieghu jew ghaliex gie imgieghel.

Jigi ribadit ghalhekk illi d-dikjarazzjonijiet tal-konvenut in kontro-ezami u ri-ezami ma jistghux jinftehmu mod iehor ghajr li huma rikonoxximent da parte tieghu tad-dejn versu l-attur u b'hekk rinunzja ghal kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni li seta' lahaq iddekora favur tieghu.

Ghaldaqstant thares minn fejn thares lejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, din tirrizulta ghal kollox infondata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez relattivi ghal din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

[15] Affidavit tal-konvenut, fol. 55 sa' 57 tal-process.

---------------------------------TMIEM---------------------------------